# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru XIII**
**Illum it-Tnejn, 29 ta’ Jannar, 2001**

**Appell Nru. 104/00**
**Appell Nru. 108/00**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Philip Delceppo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Philip Delceppo (permezz ta’ citazzjoni datata 1 ta’ Gunju, 1999), fuq talba tad-Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili, tal-Kontrollur tad-Dwana u tad-Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa [**recte:** Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud] talli: (**1**) fit-28 ta’ Jannar 1999 u/jew f’xi data qabel f’Tarxien instab li xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu apparat tat-telegrafija minghajr fili, (a) CB Radio Midland, type 77-2501, serial number 10400334 u (b) CB Radio General Electric, type 3-3814A, serial number 18001559, minghajr ma kellu licenzja bi ksur tal- Kapitolu 49, Art 3(1) tal-Ligijiet ta’ Malta; (**2**) liema importazzjoni ta’ l-oggetti hawn fuq imsemmija hija projbita u/jew ristretta; dawn ghandhom valur totali (a) ta’ Lm50 u dazju Lm4.05, u (b) Lm50 u dazju Lm4.05, u Taxxa fuq il-valur Mizjud (VAT) li tammonta ghal Lm16.21, liema dazju w VAT ma gewx imhallsa u/jew kawtelati, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 60(a)(b)(c)(k) u l-Artikolu 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 u bi ksur ta’ l-Arikolu 80 ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att numru XXII/1998)[**recte:** Att numru XXIII/1998];

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta’ April, 2000 li permezz taghha dik il-qorti illiberat lill-imsemmi Philip Delceppo mill-akkuza safejn l-istess tolqot l-Att dwar t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u ddikjarat l-akkuza preskritta sa fejn tolqot l-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37, izda sabitu hati talli kellu fil-pussess u kontrol tieghu apparat ta’ telegrafija konsistenti fir-radjijiet fuq imsemmija minghajr ma kien kopert b’licenzja taht il-Kap. 49, u ikkundannatu Lm100 multa; dik il-qorti astjeniet milli tordna l-konfiska tar-radjijiet peress li ma kien hemm ebda talba f’dan is-sens skond l-Artikolu 6(1) tal-Kap. 49;

Rat it-rikors ta' appell tal-istess Philip Delceppo, minnu ppresentat fis-27 ta' April, 2000, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza fis-sens li hu jigi liberat anke minn dik il-parti fejn instab hati;

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali, minnu ppresentat fit-3 ta' Mejju 2000, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

1. Ghalkemm f'dana l-kaz hemm zewg appelli, peress li dawna huma appelli mill-istess sentenza tal-Qorti Inferjuri, f'dina l-istanza ser tinghata sentenza wahda. Ma dan qablu wkoll il-partijiet fl-udjenza tal-24 ta' Jannar, 2001.

2. L-ewwel li ser jigi kkunsidrat huwa l-appell ta' l-Avukat Generali. Kemm taht l-Ordinanza tad-Dwana (Artikolu 88 tal-Kap. 37) kif ukoll taht l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Artikolu 83(2)) l-Avukat Generali ghandu dritt ta' appell kemm fuq punti ta' dritt kif ukoll fuq punti ta' fatt. L-aggravju ta' l-Avukat Generali hu, bazikament, illi l-ewwel qorti iddecidiet hazin meta ddikjarat l-akkuza taht l-Ordinanza tad-Dwana preskritta, u li kwindi anqas setghet tillibera mill-akkuza in kwantu tolqot l-Att XXIII ta' l-1998. Hu jikkontendi li mill-provi kien jirrisulta li l-azzjoni penali nbdiet kemm entro l-hames snin mid-data ta' l-importazzjoni ta' l-oggetti in kwistjoni (Artikolu 76(2)(b) tal-Kap. 37) kif ukoll entro s-sentejn mid-data tal-kommissjoni tar-reat (Artikolu 76(2)(c)).

3. Issa, f'dana l-istadju ta' appell xehed biss Ivan Borg, mid-Dipartiment tat-Telegrafija Minghajr Fili. Dana fisser kif fit-28 ta' Jannar, 1999 huwa kien mar fir-residenza ta' Delceppo fejn instabu z-zewg *citizen band radios* imsemmija fl-imputazzjoni. Qal ukoll li mir-*records* tad-Dipartiment tat-Telegrafija Minghajr Fili jirrisulta li dawn iz-zewg radjijiet ma kienux licenzjati, u li meta Delceppo kien gie mistoqsi minnu (cioe` minn Borg) ghall-licenzja, l-istess Delceppo kien qallu li licenzja ma kellux. Skond l-imsemmi Borg anke li kieku Delceppo applika ghal licenzja, huwa ma kienx jinghata tali licenzja peress li dawn ir-radjijiet ma kellomx l-i*specifications* li jitlob id-Dipartiment imsemmi.

4. Ma jirrisulta b'ebda mod pruvat, ghalhekk, meta dawn dawn iz-zewg radjijiet gew impurtati f'Malta. Tali prova trid tingieb mill-prosekuzzjoni sia biex jigi determinat jekk l-azzjoni penali ttiehditx entro l-hames snin mid-data ta' l-importazzjoni (ara ***Il-Pulizija v. Angelo Vella***, App. Krim., 1/6/1999), kif ukoll sabiex jigi determinat jekk tali importazzjoni saritx <u>wara</u> l-bidu fis-sehh tal-Att XXIII ta l-1998[1](ara ***Il-Pulizija v. Francis Montanaro***, App. Krim., 6/1/2000).

[1] Dana l-Att gie fis-sehh fl-1 ta' Jannar, 1999.

Konsegwentement hemm lok ghall-preskrizzjoni skond il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 76 tal-Kap. 37.

5. Pero` l-Avukat Generali qed jinvoka wkoll il-paragrafu (c) tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 76, abbinat mal-paragrafu (h) tal-Artikolu 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana. L-Avukat Generali jikkontendi li Delceppo baqa' jahbi iz-zewg radjijiet in kwistjoni sad-data meta nstabu ghandu – 28 ta' Jannar, 1999 – u li ghalhekk it-terminu ta' sentejn skond l-imsemmi paragrafu (c) beda jiddekorri minn dik il-gurnata; u peress li l-azzjoni penali bdiet f'Gunju ta' l-1999, ma kienx hemm lok ta' preskrizzjoni meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-ksur tal-paragrafu (h) tal-Artikolu 62. Din il-Qorti, pero`, tosserva li mill-provi ma jistax jinghad li Delceppo kien qed "jahbi" ("concealing", fit-test Ingliz) dawn l-oggetti; l-aktar li wiehed jista' jghid hu li dawn kienu "fil-pussess tieghu" (paragrafu (g) tal-Art. 62). Pero` anke li kieku wiehed kellu, ghall-grazzja ta' l-argument jghid, li Delceppo kien qed jahbi dawn l-oggetti, jigifieri jzommom ghandu biex hadd ma jarahom jew isibhom, il-paragrafu (h) tal-imsemmi Artikolu 62 tal-Kap. 37 jirrikjedi li l-garr, twarrib, depozt jew habi ta' l-oggett in kwistjoni jkun sar bl-intenzjoni specifika li dak li jkun jew "jiffroda lill-Gvern minn dazju li jkun imiss jithallas" fuq dak l-oggett, jew li "jehles minn xi projbizzjoni jew limitazzjoni" dwar dak l-oggett jew li tkun tghodd ghal dak l-oggett. Fil-kaz in dizamina b'ebda mod ma jista' jinghad li tirrisulta din l-intenzjoni specifika taht forma wahda jew ohra. Konsegwentement din il-Qorti ma tirravviza ebda ksur ta' l-Ordinanza tad-Dwana. Kwantu ghal dik il-parti tat-tieni imputazzjoni li tirrigwarda l-Att XXIII ta' l-1998, apparti l-kwistjoni tad-data ta' l-importazzjoni ta' l-oggetti (aktar 'l fuq imsemmija), galadarba ma jistax jinghad li hemm ksur tal-Artikolu 62 tal-Kap. 37 anqas jista' jinghad li hemm reat skond l-Artikolu 80(1) ta' l-imsemmi Att. Ghalhekk l-appell ta' l-Avukat Generali ser jigi respint.

6. Ser jigi issa kkunsidrat l-appell ta' Delceppo. Dana l-appellant jikkontendi li galadarba ma jinhargux licenzji ghat-tip ta' radjijiet li huwa kellu, hu ma setax jinstab hati kif fil-fatt instab. Inoltre, fl-udjenza ta' l-20 ta' Novembru, 2000 dana l-appellant eccepixxa "il-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-Artikolu 6(1) tal-Kap. 49". Kemm l-aggravju kif riportat fir-rikors ta' appell, kif ukoll l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, huma fieragh ghall-ahhar. L-Artikolu 3(1) tal-Kap. 49 huwa car: hadd ma jista' jkollu ghandu jew taht il-kontroll tieghu apparat ta' telegrafija minghajr fili li ma jkunx debitament licenzjat. Il-fatt li tali licenzja ma tinghatax fir-rigward ta' certi tipi ta' apparat ta' telegrafija minghajr fili necessarjamwent ifisser li dawk it-tipi ta' apparat wiehed ma jistax izommom ghandu. Kwantu ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, f'dana l-kaz certament l-azzjoni penali kwantu tirrigwarda l-imputazzjoni skond il-Kap. 49 ma hix preskritta.

7. Ghall-motivi premessi, tichad kemm l-appell ta' l-Avukat Generali kif ukoll dak ta' Philip Delceppo, u tikkonferma s-sentenza appellata. U peress li l-appell ta' Philip Delceppo huwa fieragh, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 429(2) tal-Kodici Kriminali, tikkundanna

lill-istess Philip Delceppo ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira (Lm25) pagabbli minnufih jew altrimenti konvertibbli f'hamest ijiem detenzjoni.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur